Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Joseph Mercieca]

vs

-Omissis-

Marvic Mercieca

Kumpilazzjoni Numru: 666/2020

Illum, 8 ta' Gunju 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra -omissis- u Marvic Mercieca detentur tal-karta tal-identita` numru 7284G akkuzati talli il-Hadd fid-29 ta' Novembru, 2020, ghall-habta tat-3am gewwa l-Marsa:

1. Hadu f'idejhom xi funzjoni pubblika, sew civili jew militari, minghajr ma kellhom jedd ghaliha, w ezercitaw xi att ta' dik il-funzjoni;

2. Bla ordni skont il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Massimo Camilleri u lil Al Muntaser Bellah Z.M. Hanish kontra l-volonta` taghhom, liema delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna ohra tkun imgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta' hwejjigha;

Lil Marvin Mercieca, wahdu, akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirskostanzi

3. Ikkommetta r-reat/i volontarji hawn addebitati, liema reati jgorru piena ta' prigunerija, fil-perjodu operattiv t'*Ordni ta' Probation*, ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446, Att dwar il-Probation, tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' sentenza definittiva moghtija fil-konfront tieghu nhar il-15 ta' Mejju,

2020, mill-Magistrat Dr. Bridgette Sultana LL.D., fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex);

Finalment, it-tnejn flimkien, akkuzati wkoll talli:

4. Irrendew irwiehom recedivi ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati ta' dawn il-Gzejjer.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datat l-ewwel (1) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fejn ta l-kunsens sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputat li hija refrattarja;

Rat l-ammissjoni libera u inkondizzjonata mill-imputat tal-akkuzi kif dedotti kontrih u li kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata zmien opportun sabiex jikkunsidra l-posizzjoni tieghu tant

li kien hemm trapass ta' zmien bejn is-seduta fejn irregistra l-ammissjoni tieghu u cioe` fil-hmistax (15) ta' Frar elfejn wiehed u ghoxrin (2021) u s-seduta fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat il-verbal tal-hmistax (15) ta' Frar elfejn wiehed u ghoxrin (2021) fejn l-imputat accetta li jsir *pre-sentencing report* min-naha tal-*Probation Officer*.

Rat illi xehdet l-ufficcjal tal-*probation* Anabel Bugeja li hejjiet rapport fuq l-imputata -Omissis- (Dok. AB1) fejn fl-istess rapport irrakkomandat illi sabiex l-imputata tindirizza l-fatturi kollha identifikati fil-pjan ta' kura, jinhass il-bzonn li l-imputata tkun taht is-sorveljanza ta' ufficjal ta' *probation* u ghalhekk irrakkomandat li -Omissis- tinghata Ordni ta' *Probation*, skont l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 ghall-perjodu li din il-Qorti temmen li hu ekwu. Barra minn hekk l-ufficjal irrakkomandat ukoll li -Omissis- tinghata ordni ta' trattament skont l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan sabiex tkompli tattendi Sedqa ghal sessjonijiet u tkompli tinghata s-sapport u l-ghajnuna necessarja sabiex izzomm 'l boghod mill-vizzju tad-droga.

Rat illi xehed l-ufficcjal tal-*probation* Joseph Mifsud li hejja rapport fuq l-imputat Marvic Mercieca (Dok. MM1) fejn fl-istess rapport irrakkomanda illi sabiex l-imputat jikkonsolida stabbilita` f'hajtu jkun ghaqli li jsegwi Ordni ta' *Probation* u Ordni ta' Trattament. Skont l-ufficcjal '*Din ir-rakkomandazzjoni qed tkun mahsuba li ghandha tindirizza l-eventwalita` ta' uzu tad-droga u bl-iskop li jkompli jikkonsolida l-progress li ghamel.*'

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess imputazzjonijiet u stante illi taqbel mal-kostatazzjonijiet kontenuti fir-rapporti tal-ufficjal tal-Probation ser taghtih opportunita' ohra sabiex jirriforma ruhu u ma hijiex ser tiehu inkonsiderazzjoni il-konsegwenzi tal-addebitu tar-recidiva kif ukoll mhix ser timponi piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49, 50, 84, 86, 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat Marvic Mercieca hati tal-akkuzi kollha migjuba

kontra tieghu u tikkundanna lil Marvic Mercieca ghall-Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 ghal tliet (3) snin.

Inoltre' u a bazi tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tpoggi lill-imputat Marvic Mercieca taht Ordni ta' Trattament ghall-perjodu ta' sentejn (2). Liema Ordni qed tigi annessa ma' din is-sentenza u ghalhekk ghandhom tifforma parti ntegrali minnha.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

_________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**